MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 535/2002

**L-Awtorita' ta' Malta dwar**
**l-Ambjent u l-Ippjanar**

**vs**

**Nazzareno Abela**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-10 ta' Settembru tas-sena 2002 li permezz tieghu l-Awtorita' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun kkundannat:**

**1. Illi jhallas lill-Awtorita' attrici s-somma ta' elf u seba' mija u tmienja u tletin Liri Maltin u sitta u tletin centezmu (LM1,738.36,0), dovuti kif fuq**

**spjegat, bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar tas-sena 2002;**

**2. Illi fit-18 ta' Dicembru ta' l-1995 l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, gia Awtorita' ta' l-Ippjanar, harget Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq numru ECF/1405/95/ENMU/NENF, kopja hawn annessa u markata bhala Dok IJS1, f'isem il-konvenut. Peress illi l-istess Awtorita' attrici, in forza tal-poteri fdati lilha permezz ta' l-Att numru I ta' l-1992, kif sussegwentement emendat permezz ta' l-Att numru XXI ta' l-2001, hadet dawk il-passi kollha necessarji biex ix-xogholijiet ndikati fl-istess Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq, jitwettqu, stante li l-istess konvenut ma kienx ottempera ruhu ma' dak li ntalab minnu fl-istess Avviz. Peress illi biex taghmel dan, l-istess Awtorita' attrici dahlet fi spejjez li jammontaw ghal elf u seba' mija u tmienja u tletin Liri Maltin u sitta u tletin centezmu (LM1,738.36,0), u dan kif jidher mill-annessa *Invoice no. 2189* datat 30 ta' Ottubru tas-sena 2001 markata bhala Dok. IJS2;**

**3. U illi l-istess konvenut gie interpellat biex ihallas dan l-ammont izda baqa' inadempjenti;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-21 ta' Ottubru tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess attur, stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi s-somma pretiza mill-attur mhix dovuta u dana kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-somma pretiza mill-attur hija ezagerata;**

**3. Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-awtorita' attrici qed titlob l-ammont minnha ndikat fl-avviz odjern wara li f'zewg okkazzjonijiet hija kellha twaqqa' kostruzzjonijiet mibnija illegalment mill-konvenut;**

**2. Illi dawn l-operazzjonijiet kienu effettwati fit-3 u l-4 t'Ottubru tas-sena 2001;**

**3. Illi stante li l-konvenut ma ottemperax ruhu ma' l-ammonizzjonijiet ta' l-awtorita' biex jigi konformi mal-ligi, l-awtorita' attrici kienet kostretta tqabbad kuntrattur appozitu biex tenforza d-decizjonijiet precedentement mehuda;**

**4. Illi ghal dan il-ghan jirrizulta li impjegati ta' l-imsemmija awtorita' attrici marru fuq il-post in dizamina biex jaraw liema kostruzzjoni kienu ser jitwaqqghu u x'makkinarju kien methieg biex jintlahaq dan il-ghan b'mod effettiv;**

**5. Illi fin-nuqqas ta' ko-operazzjoni tal-konvenut l-awtorita' kompetenti kienet kostretta tipprocedi;**

**6. Illi l-istess awtorita' effetwat id-demolizzjoni mehtiega u stante li l-konvenut baqa' ma ghamilx tajjeb ghall-ispejjez li hu involva lill-istess awtorita', allura ttiehdet il-procedura odjerna;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi minn ezami tal-fatti jirrizulta li kienet l-intransigenza tal-konvenut li esasperat is-sitwazzjoni u wasslitha sal-fazi li wasslet fiha llum;**

**Illi wkoll minn analizi fattwali tal-akkadut ma jirrizultax li l-awtorita' abbuzat mill-posizzjoni taghha stante li l-principju tal-proporzjonalita' ta' l-apparat uzat biex jintlahqu l-ghanijiet minnha prefissati jidher li huwa sodisfatt;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, takkolji t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut Nazzareno Abela biex ihallas lill-awtorita' attrici l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar l-ammont ta' elf, seba' mija u tmienja u tletin Lira Maltin u sitta u tletin centezmu, (LM1,738.36,0), bl-ispejejz u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------